Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 89/2017/1

**Carmelo Portelli (appellat)**

**Vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta (appellanti) u Raymond Calleja**

11 ta' Frar, 2019.

1. B'sentenza tal-14 ta' Gunju, 2018 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u tmien mitt ewro bhala danni li sofra f'incident li sehh fit-22 ta' April, 2015 fi Triq iz-Zejtun, Birzebbugia. Dakinhar waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura DBL 824 fi Triq iz-Zejtun, fit-triq kien hemm kwantita ta' trab u zrar. Meta kien ghaddej minn dik il-parti tat-triq, tilef il-kontroll tal-vettura u spicca f'ghalqa.

2. B'rikors prezentat fit-2 ta' Lulju, 2018 l-Awtorita appellat mis-sentenza. L-aggravji huma li:

    i. L-appellanti ma kellhiex responsabbilta ghal dak li gara.
    ii. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghamel zball ta' ligi meta m'applikax klawzola 10 tal-kuntratt li kellha mal-kuntrattur li nkarigat ghax-xoghol li kien qieghed isir fit-triq li fiha sehh l-incident.

3. L-appellat wiegeb permezz ta' risposta li pprezenta fis-17 ta' Lulju, 2018 fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. L-appellanti m'hijiex tikkontesta d-dinamika ta' kif sehh l-incident u wisq inqas li l-appellant ma kellux htija ghal dak li gara.

5. Skont dokument NB (fol. 90) mahrug mill-appellant, ix-xoghol li nghata lil Calleja kien jikkonsisti:

*"Works include construction of a junction at Triq Ghar Dalam, Birzebbugia. Works to include new pedestiran crossing, service ducts in footpaths and footpath works"*.

F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-pjanta a fol. 93 li turi x-xoghol li kellu jsir.

6. Rilevanti hi d-deposizzjoni ta' PC441 Matthew Darmanin li xehed:

> *"Nghid li jiena nista' nikkonferma li fejn kienu qed isiru x-xoghlijiet kien hemm parti fejn inqala' t-tarmac tant hu hekk li kien hemm zona fejn kien qed jinqala' z-zrar ukoll. Kienet qed tigi kreata ma' kull vettura li tghaddi dahna kbira li kienet qeghda tnaqqas konsiderevolment il-vizibilita' ghall-vetturi li kienu qed ighaddu minn hemmhekk.... jiena wara l-incident kont sahanstira kellimt lill-perit Charlen Bonnici bl-intiza li naraw kif naghmlu sabiex nevitaw incidenti fil-futur. Skont ir-rapport li jiena rredigejt fir-rigward ta' dan l-incident il-perit kienet infurmat direttament lill-kuntrattur certu Raymond Calleja. Qed issirli riferenza ghar-rapport senjatament ghal dik il-parti li tinsab a fol. 39 fejn jinsab indikat li l-perit talbitu sabiex jipprovdi aktar dawl adegwat u dan il certu Raymond Calleja li kien il-kuntrattur. Nghid li jiena nista' niddeskrivi dan fis-sens illi nghid li bhala dawl adegwat dak li tlabna ahna kien li jkun hemm dawl minn dak li jteptep u li jaghti pre-avviz sufficjenti lil min ikun qed isuq f'dik it-triq li jkun qed jersaq lejn zona fejn fiha qed isiru x-xoghlijiet. Dawn ma kinux hemm fid-data tal-incident. Dawn it-tip ta' dawl kienu effettivament ezatt fejn isir ix-xoghol, pero' ahna xtaqna li dawn ikunu aktar 'il fuq ukoll sabiex jaghtu pre-avviz lis-sewwieqa"*.

7. Sahansitra fir-rapport tal-pulizija issemma li fil-post fejn sehh l-incident, il-pulizija rat li kien hemm diversi xufiera li kienu qeghdin isibu ruhhom f'diffikulta u, *"... giet infurmata l-perit tal-ghassa, Transport Malta certa Charlene Bonnici fejn min-naha taghha infurmata lill-kuntrattur tax-xoghlijiet, certu Raymond Calleja, u talbitu sabiex jipprovdi aktar dawk adegwat kif ukoll sinjali tat-traffiku sabiex jigu evitati aktar incidenti. Fuq il-post gew imsejhin il-membri tal-Protezzjoni Civili mis-sezzjoni ta' Hal Far cioe ARO Agius u Farrugia fejn min-naha taghhom nadfu t-triq mit-terrapien sabiex jigi evident xi accident"* (fol. 39). Taghrif li juri bic-car kemm is-sitwazzjoni fit-triq kienet prekarja. Dan apparti l-verzjoni tal-appellat, korroborata minn ohtu, li waqt li kienu fuq il-post sehh incident tat-traffiku iehor f'dik il-parti tat-triq.

8. Hu minnu li Nicholas Baldacchino, ufficjal tal-appellanti, xehed li l-appellanti tkun qeghda tissorvelja x-xoghol li jkun qieghed isir. Zied ighid li (fol. 89):

> *"f'dan il-kaz minn informazzjoni li ghandi din it-traffic management scheme kienet giet segwita fis-sens li kienet saret is-senjalatika kollha mehtiega. Il-problema nqalghet meta xi ftit sighat qabel ma sehh l-incident jidher li thalla xi hmieg fit-triq".*

Pero' d-deposizzjoni ta' PC441 Matthew Darmanin turi xenarju ferm differenti minn dak li ddeskriva x-xhud Baldacchino.

9. Il-qorti bla ezitazzjoni tghid li dan hu kaz car ta' negligenza tal-kuntrattur li kien qieghed jaghmel xoghlijiet fit-triq, u nuqqas serju da parti tal-Awtorita' li naqset milli tizgura li ma jkunx hemm periklu fit-triq. L-Awtorita' appellanti bħala l-Awtorita' responsabbli u li ħadet ħsieb dak il-proġett, kellha d-dmir li tavża lill-utenti tat-triq bl-eżistenza li f'dik il-parti ta' Triq Għar Dalam kien hemm xogħlijiet estensivi li qegħdin isiru u kien hemm periklu. Dan billi tagħmel jew tiżgura li jsiru sinjali adatti qrib dik il-parti tat-triq fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet. Sinjali li f'dan il-każ ma kienx hemm, tant hu hekk li kellha tintervjeni l-pulizija. Fil-fatt PC441 Darmanin xehed:

> *"Nghid li konna ghamilna komunikazzjoni wkoll mal-perit tal-ghassa fi hdan it-Transport Malta li hija certu Charlene Bonnici u qaltilna l-perit Bonnici li kienet ser taghmel kuntatt mal-kuntrattur li kien qed iwettaq ix-xoghlijiet fit-triq, certu Raymond Calleja, sabiex tghidlu jaghmel dawl aktar adegwat kif ukoll izzid is-senjalazzjoni fiz-zona fejn kienu qed isiru x-xoghlijiet... aktar tard kienu mxew skont l-istruzzjonijiet illi konna tajnihom u zdied id-dawl fiz-zona kif ukoll is-senjaletika li semmejt".*

10. Kemm ma kienx hemm sinjali u dawl adegwat f'dik il-parti tat-triq qabel il-parti fejn kien qiegħed isiru x-xogħlijiet u fil-parti fejn kienu qeghdin isiru x-xoghlijiet, tirrizulta wkoll mid-deposizzjoni tal-appellat u ohtu Charlene Attard.

11. Dan apparti li hu evidenti li l-Awtorita' inkarigat kuntrattur li m'huwiex ta' hila. Tant hu hekk li l-pulizija kellha ssejjah lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili sabiex jitnehha t-terrapien li l-kuntrattur halla fit-triq (fol. 39). Il-konvenut Calleja hu kuntrattur iehor li ghalih is-sahha u sigurta ghall-utenti tat-triq ma tfisser xejn u halla triq f'kundizzjoni ta' periklu car. Il-qorti rat ukoll il-filmat li l-appellatipprezenta, fejn jispikka n-nuqqas ta' dawl fil-post fejn kien qiegħed isir ix-xogħol. Inoltre, jidhru ftit *barriers* tal-plastik ma' gemb dik li suppost kienet *safety zone* (ara pjanta a fol. 55 mahruga mill-appellanti). Il-qorti hi

tal-fehma l-Awtorita hi wkoll responsabbli *ai termini* tal-artikolu 1037 tal-Kodici Civili.

12. Ghalkemm l-appellanti tilmenta li t-Tribunal naqas milli jiehu in konsiderazzjoni r-responsabbilta bil-ferm akbar li kellu l-kuntrattur, il-qorti ma taqbilx. L-Awtorita' kellha responsabbilta li tizgura li f'kull hin triq li minnha jghaddu l-vetturi, hi *safe to use*. Ma tistax tfarfar ir-responsabbilta billi tghid li, *".. bhala responsabbilta ta' health and safety u traffic management dik taqa' fuq il-kuntrattur"* (perit Julian Borg fol. 69). L-appellanti ghandha responsabbilta', bhala agenzija tal-Gvern, fil-konfront tal-utenti tat-triq li tizgura li m'hemmx perikli fit-triq. F'dan il-kaz per ezempju jirrizulta li saret *central strip* f'nofs it-triq li lanqas ma kienet imdawwra u mixghula bil-mod li jidher fid-*drawing* a fol. 126. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghar-ritratti a fol. 83 sa 84 fejn kull ma jidhru huma ftit *barriers* f'distanza ta' xulxin u bla dawl.

13. L-Awtorita' ghamlet riferenza ghall-Legislazzjoni Sussidjarjara 499.57 (regolament 8), li fiz-zmien meta sehh l-incident kienet differenti minn dik li hemm illum. L-ilment tal-appellat hu relatat ma, *"nuqqas serju ta' dawl, ta' sinjal tat-traffiku u minħabba f'ammont kbir ta' materjal li thalla fin-nofs tat-triq"* (ara avviz tat-talba). Il-qorti ma tarax kif l-appellanti tista' tirnexxi fid-difiza li jikkontempla regolament 8, meta tqies li:-

i. Meta sehh l-incident, kien hemm ksur lampanti tal-*guidelines* dwar *traffic management*. Jekk l-Awtorita' obbligat lill-kuntrattur biex jaghmel is-sinjali li javzaw lis-sewwieqa bix-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-post fejn sehh l-incident, dak m'huwiex bizzejjed. Trid issir ukoll prova li wettaq dawk l-ordnijiet (ara proviso ta' subinciz (2) tar-regolament 8).

ii. Ma giex pruvat dak li jrid regolament 8(b).

14. F'kull kaz dak ir-regolament jirreferi ghan-nuqqas tal-Awtorita li tkun zammet triq fi stat tajjeb, u ma jeskludix responsabbilta taht ligijiet ohra.

15. It-tieni aggravju hu bazat fuq klawzola 10 tal-kuntratt bejn il-kuntrattur li kien qiegħed jaħdem fit-triq u l-appellanti, u li tipprovdi:

> *"the Provider shall assume all risks of accident or damage to the Work, from whatever cause arising and shall be responsible for the sufficiency of all means used by it for the fulfilment of this Contract of Works and shall not be relieved from such responsibility by any approval which may have been given by the Supervisor, the Contracting Authority, and any other stake holders".*

16. Klawzola li fil-fehma tal-qorti hi għal kollox irrilevanti għall-eżitu tal-kawża, ġialadarba l-appellant ma kienx parti għal dak il-kuntratt. Kuntratt jorbot lill-partijiet li jkunu parti għalih. Għall-appellat dak il-kuntratt hu *res inter alios acta* u ma jistax iservi sabiex iġib fix-xejn id-drittijiet li għandu fil-konfront ta' kull wieħed mill-konvenuti.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.